

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Settembru 2011 — De Nicola vs BEI**

(Kawża F-13/10) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Persunal tal-Bank Ewropew tal-Investment — Evalwazzjoni — Promozzjoni — Rikors għal kumpens — Ammissibbiltà)*

(2011/C 340/73)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrent: Carlo De Nicola (Strassen, il-Lussemburgu) (rappreżentant: L. Isola, avukat)

Konvenut: Il-Bank Ewropew tal-Investment (rappreżentanti: T. Gilliams u F. Martin, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

**Suġġett**

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Appelli li tiċħad l-appell ippreżentat mir-rikorrent fil-konfront tal-evalwazzjoni tar-rendiment tiegħu matul l-2008, kif ukoll għall-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni 2008. Min-naħa l-oħra, talba sabiex il-BEI jiġi kkundannat jagħmel tajjeb għad-dannu morali u materjali mġarrab mir-rikorrent.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) C. De Nicola għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u nofs l-ispejjeż tal-Bank Ewropew tal-Investment.
- (3) Il-Bank Ewropew tal-Investment għandu jbati nofs l-ispejjeż tiegħu.

<sup>(1)</sup> ĠU C 134, 22.05.2010, p. 53.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-13 ta' Settembru 2011 — Behnke vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża F-68/10) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Proċedura ta' evalwazzjoni u ta' promozzjoni 2009 — Motivazzjoni tal-opinjoni tal-Kumitat konġunt ta' evalwazzjoni u ta' promozzjoni — Żball manifest ta' evalwazzjoni)*

(2011/C 340/74)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Thorsten Behnke (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u É. Marchal, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Berscheid u C. Berardis-Kayser, aġenti)

**Suġġett tal-kawża**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li r-rikorrent jiġi kklasifikat fil-grupp ta' ħidma II u li jingħata 5 punti ta' promozzjoni għall-finijiet tar-rapport tal-iżvilupp tal-karriera tiegħu għall-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008.

**Dispożittiv tas-sentenza**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, kwart tal-ispejjeż ta' T. Behnke.
- (3) T. Behnke għandu jbati tliet kwarti tal-ispejjeż tiegħu.

<sup>(1)</sup> ĠU C 288, 23.10.2010, p. 74.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-20 ta' Settembru 2011 — Van Soest vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża F-117/10) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Reklutaġġ — Kompetizzjoni — Kundizzjonijiet ta' ammissjoni — Diploma mitluba — Kunċett ta' diploma mogħtja mal-ikkompletar ta' edukazzjoni sekondarja u li tagħti aċċess għal edukazzjoni ogħla — Deċiżjonijiet tal-Bord tal-Għażla — Natura tal-kontroll eżerċitat mill-Awtorità tal-Ħatra)*

(2011/C 340/75)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Barry Van Soest (Etterbeek, il-Belġju) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u B. Eggers, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kommissjoni li temmet il-proċedura ta' reklutaġġ tar-rikorrent, li għadda minn kompetizzjoni u li huwa mniżżel fil-lista ta' riżerva, minħabba l-fatt li ma għandhux diploma ta' edukazzjoni sekondarja li tagħtih aċċess għal edukazzjoni ogħla.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti minn B. Van Soest.

<sup>(1)</sup> ĠU C 30, 29.01.11, p. 66.